ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, issa taparsi se nkun qed inwasslilkom programm tar-radju. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu xi mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba. Waqt li qed naqra s-silta tiktbu xejn.***

***Se nibda.***

Tfal, nilqagħkom għal programm ieħor fis-sensiela *Kotba Ġodda*. Dan il-programm qed inwassalhulkom mill-istazzjon tar-radju tagħna: *Leħen it-Tfal*.

Kif nagħmel kull ġimgħa f'dan il-programm qasir nagħtikom tagħrif dwar kotba ġodda li jkunu ħarġu sħan sħan bil-lingwa sabiħa tagħna. Il-kotba li nkellimkom dwarhom ikunu xierqa ħafna għalikom u nħeġġiġkom taqrawhom!

Illum għandi f'idejja tliet kotba sbieħ. U ħa ngħidilkom! Dawn il-kotba mimlijin tpinġijiet u stampi kollha kuluri u żgur li se jogħġbukom anki qabel ma tibdew taqrawhom. Kif jgħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn!

Ejjew nibdew mill-ewwel wieħed.

L-ewwel ktieb tal-lum jismu *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat*. Dan il-ktieb fih erbgħa u sebgħin paġna u kitbu Andrew Grech. Fil-ktieb naqraw il-ġrajja ta' tlett itfal u l-kelba tagħhom. Darba jkunu għaddejjin ġo masġar u jaslu ħdejn torri abbandunat. It-tfal jintebħu li l-bieb tat-torri miftuħ. Għall-bidu jibdew itellgħu u jniżżlu jidħlux jew le. Imma mbagħad jaqtgħuha li jidħlu. X'jiġri? Xi jsibu fit-torri? Ma' min jiltaqgħu? U fuq kollox, x'sehem ikollha fil-ġrajja Perla l-kelba?

It-tieni ktieb tal-lum jismu *L-Avventuri ta' Frenżu*. Dan il-ktieb fih ħamsa u erbgħin paġna u huwa xieraq ħafna għat-tfal iż-żgħar. Frenżu huwa kanarin ħelu. Is-sid tiegħu raġel għażżien u mhux l-ewwel darba li baqa' rieqed u nesa jitimgħu. Iżda darba Frenzu jsib il-bieba tal-gaġġa miftuħa. U hekk ifarfar tnejn ġwenħajh u jtir 'il barra. Barra mill-gaġġa Frenżu jagħmel ħafna ħbieb! Imma b'xorti ħażina jħabbat wiċċu wkoll ma' xi għedewwa, fosthom Pilu l-qattus u Nenè l-ġurdien. Dan il-ktieb kitbitu Tania Abela u mlietu bi tpinġijiet mill-isbaħ.

It-tielet u l-aħħar ktieb tal-lum jismu *It-Teżor tal-Gran Mastru*. Dan il-ktieb kitbuh żewġ awturi żgħażagħ: Marija De Bono u Ryan Frendo. Dan il-ktieb fih mija u tletin paġna. L-istorja tiegħu tħallik bla nifs għax fiha niltaqgħu ma' għadd ta' kavallieri li jibdew jgħawġu l-fatti biex it-teżor ma jinstabx. Imma sa fl-aħħar iż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma u t-teżor jinstab minn xi ħadd li qatt ma nkunu bsarna!

Għeżież tfal, għal-lum daqshekk. Dawn it-tliet kotba huma sbieħ u nista' nassigurakom li mhux se titilquhom minn idejkom qabel ma tkunu qrajtuhom minn qoxra sa qoxra.

Insellmilkom tfal u jekk Alla jrid nerġgħu niltaqgħu għal programm ieħor l-ġimgħa d-dieħla fil-ħamsa ta' waranofsinhar. Saħħa!

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***
Il-programm tar-radju jismu:
a) *Kotba Ġodda.*
b) *Leħen it-Tfal.*
ċ) *Kotba tat-Tfal.*

***In-numru tnejn***
Dan il-programm jixxandar:
a) kuljum.
b) darba iva u darba le.
ċ) kull ġimgħa.

*In-numru tlieta*

F'kull programm jingħata tagħrif fuq kotba

a) bl-Ingliż u bil-Malti.

b) bil-Malti biss.

ċ) b'lingwi differenti.

***In-numru erbgħa***

Il-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* fih:

a) 47 paġna.

b) 64 paġna.

ċ) 74 paġna.

***In-numru ħamsa***

Fil-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* it-tfal jiddeċiedu li fit-torri jidħlu:

a) mill-ewwel.

b) wara ftit.

ċ) għax tkun nieżla x-xita.

***In-numru sitta***

Fil-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* barra t-tfal hemm ukoll:

a) Andrew Grech.

b) Frenżu l-għasfur.

ċ) Perla l-kelba.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***

***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***Numru wieħed***

Il-ktieb *L-Avventuri ta' Frenżu* huwa fuq għasfur tal-bejt ħelu. ***Veru jew falz?***

***Numru tnejn***

Sid Frenżu huwa raġel bieżel. ***Veru jew falz?***

***Numru tlieta***

Wieħed mill-ħbieb ta' Frenżu jismu Nenè. ***Veru jew falz?***

***Numru erbgħa***

Dan il-ktieb kitbitu u pinġietu Tania Abela. ***Veru jew falz?***

***Numru ħamsa***

Il-ktieb It-Teżor tal-Gran Mastru kitbuh żewġ żgħażagħ. ***Veru jew falz?***

***Numru sitta***

L-istorja tal-ktieb tħallik fuq ix-xwiek. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***
***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

***Numru wieħed***

Il-ktieb *It-Teżor tal-Gran Mastru* fih mija u tletin ______________________.

***Numru tnejn***

F'dan il-ktieb il-qarrej jiltaqa' ma' numru ta' ______________________.

***Numru tlieta***

B'kollox fil-programm issemmew ______________________ kotba.

***Numru erbgħa***

Fil-fehma ta' min qed jippreżenta l-programm il-kotba se jintlaqgħu ______________________ mill-qarrejja.

***Numru ħamsa***

Il-programm isir kull ġimgħa fil-ħamsa ta' ______________________.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.***
***Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta.***

***In-numru wieħed***

Fil-programm smajna l-qawl li **l-ewwel ma tiekol l-għajn**. Dan ifisser li l-kotba tal-programm iħajruk taqrahom għax:

a) huma fuq l-ikel.
b) għandhom stampi sbieħ.
ċ) huma ħfief.

*In-numru tnejn*

Fil-programm smajna wkoll il-qawl li **ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma**. Dan ifisser li wara ħafna tgħawwiġ tal-fatti sa fl-aħħar:

a) joħroġ iż-żejt.

b) joħroġ l-ilma.

ċ) toħroġ il-verità.

*In-numru tlieta*

Fil-programm smajna li **t-teżor jinstab minn xi ħadd li qatt ma bsarna**.

**Qatt ma bsarna** tfisser:

a) qatt ma ħarisna lejh.

b) qatt ma ħsibna fih.

ċ) qatt ma tkellimna miegħu.

***Issa se nerġa' naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

**Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!***

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Fehim mis-Smigħ | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 20 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.**

**1.** Il-programm tar-radju jismu:

**a)** *Kotba Ġodda.*

**b)** *Leħen it-Tfal.*

**ċ)** *Kotba tat-Tfal.*

**2.** Dan il-programm jixxandar:

**a)** kuljum.

**b)** darba iva u darba le.

**ċ)** kull ġimgħa.

**3.** F'kull programm jingħata tagħrif fuq kotba:

**a)** bl-Ingliż u bil-Malti.

**b)** bil-Malti biss.

**ċ)** b'lingwi differenti.

**4.** Il-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* fih:

**a)** 47 paġna.

**b)** 64 paġna.

**ċ)** 74 paġna.

**5.** Fil-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* it-tfal jiddeċiedu li fit-torri jidħlu:

**a)** mill-ewwel.

**b)** wara ftit.

**ċ)** għax tkun nieżla x-xita.

**6.** Fil-ktieb *Il-Misteru tat-Torri Abbandunat* barra t-tfal hemm ukoll:

**a)** Andrew Grech.

**b)** Frenżu l-għasfur.

**ċ)** Perla l-kelba.

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**1.** Il-ktieb *L-Avventuri ta' Frenżu* huwa fuq għasfur tal-bejt ħelu.

VERU ☐ FALZ ☐

**2.** Sid Frenżu huwa raġel bieżel.

VERU ☐ FALZ ☐

**3.** Wieħed mill-ħbieb ta' Frenżu jismu Nenè.

VERU ☐ FALZ ☐

**4.** Dan il-ktieb kitbitu u pinġietu Tania Abela.

VERU ☐ FALZ ☐

**5.** Il-ktieb *It-Teżor tal-Gran Mastru* kitbuh żewġ żgħażagħ.

VERU ☐ FALZ ☐

**6.** Wieħed mill-ħbieb ta' Frenżu jismu Nenè.

VERU ☐ FALZ ☐

**Taħriġ Ċ**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

**1.** Il-ktieb *It-Teżor tal-Gran Mastru* fih mija u tletin ____________________.

**2.** F'dan il-ktieb il-qarrej jiltaqa' ma' numru ta' ____________________.

**3.** B'kollox fil-programm jissemmew ____________________ kotba.

**4.** Fil-fehma ta' min qed jippreżenta l-programm il-kotba għandhom jintlaqgħu ____________________ mill-qarrejja.

**5.** Il-programm isir kull ġimgħa fil-ħamsa ta' ____________________.

**Taħriġ D**

**Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta.**

**1.** Fil-programm smajna l-qawl li **l-ewwel ma tiekol l-għajn**. Dan ifisser li l-kotba tal-programm iħajruk taqrahom għax:

**a)** huma fuq l-ikel.

**b)** għandhom stampi sbieħ.

**ċ)** huma ħfief.

**2.** Fil-programm smajna wkoll il-qawl li **ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma**. Dan ifisser li wara ħafna tgħawwiġ tal-fatti sa fl-aħħar:

**a)** joħroġ iż-żejt.

**b)** joħroġ l-ilma.

**ċ)** toħroġ il-verità.

**3.** Fil-programm smajna li **t-teżor jinstab minn xi ħadd li** <u>qatt ma bsarna</u>.

**Qatt ma bsarna** tfisser:

**a)** qatt ma ħarisna lejh.

**b)** qatt ma ħsibna fih.

**ċ)** qatt ma tkellimna miegħu.

**- Tmiem il-Karta -**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

IL-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra dan ir-riklam tal-aġenzjia spazjali li torganizza ġiti fuq il-qamar u li deher fuq il-gazzetta "L-Aħbar":**

Fejn tqattagħhom is-soltu l-vaganzi tas-sajf tal-iskola?
Marsalforn? L-Għadira? Birżebbuġa?

**DEJJEM L-ISTESS!**

Din id-darba qatta' l-vaganzi tas-sajf li ġej b'mod differenti
u ejja magħna fuq

# IL-QAMAR



Ngħaddu flimkien xahar sħiħ fl-isbaħ lukanda fuq il-qamar!
Filgħodu logħob, waranofsinhar logħob u filgħaxija logħob ukoll!

€999 biss!

Il-prezz jinkludi l-ikel kollu, il-kamra tal-lukanda
u t-titjiriet mill-ajruport ta' Malta għall-qamar u lura.

Ibagħtilna ittra elettronika biex tibbukkja postok issa:
qamar@safrasafra.mt

jew inkella ibagħtilna ittra b'dan l-indirizz postali:
Safra Safra, Triq il-Fjuri, Wied il-Għajn, MSK 1029

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq ir-riklam li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Is-soltu n-nies tqatta' l-vaganzi dejjem fl-istess postijiet. | |
| **b.** | Min ikollu l-biljett jista' jiekol bla ma jħallas iktar. | |

**2.** Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Il-lukanda tar-riklam hija | l-isbaħ waħda fuq il-qamar. | |
| | | l-ikrah waħda fuq il-qamar. | |
| | | l-ikbar waħda fuq il-qamar. | |
| **b.** | L-aġenzija tinsab | il-Mellieħa. | |
| | | Wied il-Għajn. | |
| | | Birżebbuġa. | |

**3.** Mir-riklam sib u ikteb l-indirizz elettroniku tal-aġenzija. (marka)

______________________________________________

**4.** Dan ir-riklam huwa indirizzat għat-tfal jew għall-kbar? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**5.** Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb. (3 marki)

L-aġenzija spazjali qed torganizza ġiti fuq il-qamar li jdumu ________________.

Min se jmur fuq il-qamar se jkun jista' jgħaddi l-ġranet kollha ________________.

Skont ir-riklam il-prezz huwa wieħed ________________.

## B. Aqra l-istorja **Fuq il-pjaneta Mars**

Waħda mill-eqreb ġirien tal-pjaneta tagħna hija Mars. Ara ma tmurx taħseb li din **bieb u għatba** magħna tafx! Fis-sew din il-pjaneta tinsab miljuni ta' kilometri 'l bogħod mid-dinja tagħna. Kieku kellek taqbad vettura spazjali mill-ajruport, għandek madwar sena għaddej sakemm tasal fuqha! (par. 1)

Ix-xjentisti ilhom li bdew **iħabblu rashom** kif se jibagħtu xi **astronawti** fuq din il-pjaneta. Fuqha jista' jkun hemm xi materjal importanti għalina l-bnedmin, li fid-dinja tagħna m'għandniex. Ngħidu aħna, xi tip ta' ħadid li ma jinqasam b'xejn, imma mbagħad ikun jitgħawweġ bħall-ħaxix. (par. 2)



Għalkemm Mars hija ħafna akbar mid-dinja tagħna, meta tasal fuqha ma tantx għandek x'tara! Veru li hemm ħafna rdumijiet, muntanji u widien. Imma la hemm siġar, la fjuri u lanqas ħxejjex oħra. Lanqas ibħra u xmajjar m'hemm! U sa fejn nafu aħna la jeżistu annimali u lanqas bnedmin oħra. (par. 3)

Mela jekk tkun hemm u jinqalagħlek xi għawġ, trid tara kif se tirranġa waħdek. Hemmhekk, kull fejn tħares blat biss hemm, blat li kuluru jagħti fl-aħmar. (par. 4)

Niftiehmu. Jekk se jibagħtuk fuq Mars mhux se toqgħod b'idejk fuq żaqqek. Hemmhekk se tkun qed tistudja l-pjaneta. Għalhekk kull tant żmien tkun trid toħroġ mill-vettura spazjali u tmur tiskopri l-madwar, tiġbor it-trab u l-ġebel żgħir li ssib biex imbagħad tibagħtu lura d-dinja ħalli jistudjawh. (par. 5)

Imma jekk tkun fuq Mars mhux se taqbad u toħroġ barra qisek ħriġt hawn Malta. Hemmhekk trid taħsiblu sewwa għall-ilbies. Għax hekk kif tirfes fuq Mars, tkun qisek dħalt ġo friżer kbira. L-istudjużi jgħidu li hemmhekk it-temperatura normali hija ta' 30 grad taħt iż-żero, jiġifieri kesħa xxoqq l-għadam. U biex tkompli tagħqad, ma ssibx arja, ħaġa li mingħajrha l-bniedem ma jistax jgħix. (par. 6)

Mela jekk qed taħseb biex xi darba titla' fuq Mars, trid tmur hemm b'ingwanti u żraben ħoxnin, b'elmu daqsiex u b'ċilindri mimlijin bl-arja ħalli tkun tista' tieħu n-nifs normali. Tkun qisek xi bugħaddas, imma flok tal-baħar, tkun tal-ispazju! (par. 7)

Il-problema ewlenija tibqa' li Mars qiegħda 'l bogħod wisq minna. Għalhekk għalissa x-xjentisti mhux se jibagħtu astronawti fuqha. Għax, fl-aħħar mill-aħħar, mhux biżżejjed li tibgħat lil xi ħadd biss. Importanti li terġa' ġġibu lura qawwi u sħiħ! (par. 8)

* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

**1.** Veru li l-pjaneta Mars tinsab 'il bogħod ħafna mid-dinja tagħna? Kif taf? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**2.** X'qegħdin jippjanaw ix-xjentisti? Għaliex? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**3.** Imla l-vojt skont is-silta. (2 marki)

**a.** Semmi ħaġa waħda li tista' tara fuq Mars: ________________________

**b.** Semmi ħaġa waħda li m'hemmx fuq Mars: ________________________

**4.** X'kulur taħseb li hija din il-pjaneta? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**5.** Semmi żewġ affarijiet li jkollok tagħmel jekk toħroġ mill-vettura spazjali. (2 marki)

**a.** ____________________________________________________________________

**b.** ____________________________________________________________________

**6.** Veru li f'Mars hemm kesħa kbira? Ma' xiex iqabbilha l-awtur? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**7.** Veru li fuq Mars m'hemmx arja? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**8.** Agħmel sing taħt it-tajba. (2 marki)

**a.** L-**astronawti** (par. 2) huma esploraturi li:

jitilgħu fuq il-muntanji. / jitilgħu fl-ispazju. / jinżlu f'qiegħ il-baħar.

**b.** L-espressjoni **iħabblu rashom** (par. 2) tfisser:

jaħsbu u jippjanaw. / iħabblu xagħarhom. / jaħsbu u jippettnaw.

**9.** Xi tfisser l-espressjoni **bieb u għatba**? (par. 1) (2 marki)

______________________________________________________________________

**10.** Kieku kellek tiltaqa' ma' aljen fuq pjaneta oħra, x'tistaqsih? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA

**1. Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

L-iżveljarin isfar daqq is-sebgħa. Thomas fetaħ għajnejh f'daqqa! Kemm sar ħin għall-iskola! Lesta f'ħames minuti u ħareġ jistenna l-karozza. Marija ma qamitx! Dażgur! llum is-Sibt, u Thomas qam kmieni għalxejn!

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Mill-istorja sib u ikteb **nom propju**. | |
| **b.** | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv**. | |
| **ċ.** | Mill-istorja sib u ikteb **verb fin-negattiv**. | |
| **d.** | Mill-istorja sib u ikteb **verb li qiegħed fil-mamma**. | |

(1x4 marki)

**2. Agħti l-ħin fi KLIEM li qed tara f'dawn l-arloġġi.**





a) ______________________ b) ______________________

(1x2 marki)

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Kompli **l-kelma** skont l-istampa. | Thomas kiel biċċa **ħ**__________ .  |
| **b.** | Żid **partiċella**. | Marija qajmet _______ ommha fit-tmienja. |
| **ċ.** | Agħti l-**plural** tal-kelma **skola**. | skola = ______________________ |
| **d.** | Ikteb fi **kliem** n-numru sħiħ **27**. | ______________________ |

(1x4 marki)

## B. Il-Kitba ta' Ittra Elettronika



Ftit tal-ħin ilu rċivejt ittra elettronika mingħand iz-zija Lieni.

Iz-zija tħobb ħafna l-qtates! Is-Sibt li ġej se tmur ġimgħa

l-Italja u staqsietek jekk tistax iżżommilha lil Xuxa għal ġimgħa.

Iktbilha ittra elettronika ta' madwar **50 kelma** biex tgħidilha tistax iżżommhielha.

Fiha tista' tistaqsiha wkoll meta se tmur għal Xuxa, u xi tħobb tiekol l-aktar.

**20/6/2013 (6.23 pm)**

---

**Mingħand: Andrea Gauci** qamar@poste.mt
**Lil: Lieni Baldacchino** lieni@poste.mt

Għażiża zija Lieni,

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Saħħa zi u narak!

Andrea

## Ċ. Il-kitba ta' storja qasira

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**

<table>
<tr>
<td></td>
<td>

**1. Daħna bajda misterjuża**

Inti u sħabek kontu l-bandli qed tilagħbu. F'daqqa waħda l-art bdiet tinfetaħ u minn ġo fiha bdiet ħierġa daħna bajda u misterjuża.

*X'kienet dik id-daħna? X'ħareġ mill-art? X'għamiltu? Għaliex?*

</td>
</tr>
</table>

**JEW**

<table>
<tr>
<td></td>
<td>

**2. Vjaġġ fuq il-qamar**

Irċivejt envelopp kollu kuluri. Ftaħtu u sibt biljett tas-safar. Irbaħt vjaġġ għal fuq il-qamar!

*X'fiha l-istedina? Kif ħadtha l-aħbar? Ħadt gost? Lil min għedt b'din l-aħbar? Se taċċettajew le? Għaliex?*

</td>
</tr>
</table>

Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

Storja _________ (Ikteb 1 *jew* 2)

(2 marki)

**Ċ.2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.** (15-il marka)

**L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI.**

**- Tmiem il-Karta -**